MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 770/2010

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita` numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera LUXOTTICA GROUP S.p.A., registrata fir-*Registro delle Imprese di Milano* bin-numru 00891030272 u bis-sede legali taghha li tinsab Via Cesare Cantù n. 2, 20123 Milan, l-Italja.**

**vs.**

**Assa Ndiaye, b'dettalji ta' identifikazzjoni mhux maghrufa fil-mument tal-prezentata ta' dan l-att, u b'indirizz indikat fuq l-inkartament kummercjali relattiv bhala dak ta' "St Pauls, Pioneer Road, Agius Flat 2, SPB 03, Malta".**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors tal-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita’ numru 258269 ittra “M”, bhala mandatarju specjali tas-socjeta’ estera **LUXOTTICA GROUP S.p.A.**, registrata fir-*Registro delle Imprese di Milano* bin-numru 00891030272 u bis-sede legali taghha li tinsab Via Cesare Cantù n. 2, 20123 Milan, l-Italja datat 30 ta’ Lulju 2010 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi s-socjeta’ attrici, maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f’Malta, *inter alia* in konnessjoni ma’ nuccalijiet tax-xemx, hija proprjetarja ta’ diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha u in konnessjoni mal-istess.

Illi b’hila u b’invenzjoni, kif ukoll b’hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta’ attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni man-negozju taghha u mat-*trademarks* taghha relattivi ghall-istess.

Illi fost ohrajn, is-socjeta’ attrici ghandha rregistrati f’isimha bhala *Trademarks* Komunitarji (CTM) is-segwenti u cjioe’ “*Ray-Ban*” (figurattiva, numru 004934618) *inter alia* dwar nuccalijiet tax-xemx, kif ukoll “RAY-BAN” (kelma, numru 001956465) *inter alia* dwar materjal stampat.

Illi s-socjeta’ attrici hija “detentrici ta’ dritt” ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti kollha tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights* u tal-**Att dwar Drittijiet dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) [Kapitolu erba’ mija u erbatax (414) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta],** biex b’hekk, b’applikazzjoni tal-**artikolu ghaxra (10) tal-istess *Council Regulation (EC) No 1383/2003***, tgawdi mill-protezzjoni moghtija *inter alia* fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli tnejn (2) subartikolu**

**wiehed (1) paragrafu "(a)", erbgha (4) u tmienja (8) subartikolu wiehed (1) tal-istess Kap. 414**.

Illi recentement, waqt skrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-**artikolu wiehed (1) subartikolu wiehed (1.) tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003* u fl-artikolu erbgha (4) tal-istess Kap 414** hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx tal-*UPS courier consignment* li ghandu *shipment number* 7140 XVH8 MXX u *tracking number* 1Z 714 0XV 04 4632 5733 kontenenti oggetti konsistenti f'nuccalijiet tax-xemx li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* "*Ray-Ban*" u li kollha waslu fil-*Customs courier office* gewwa Hal Luqa destinati ghas-suq lokali. L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali.

Illi s-socjeta' attrici giet mgharrfa bis-sejba fis-7 ta' Lulju 2010 u, wara li ezaminat ritratti elettronici u kampjuni tal-oggetti in kwistjoni, ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati. Min-naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta' attrici kopja ta' *air waybill* relattiv ghal dan il-kaz li jindika bhala *consignee* lil "ASSA NDIAYE", b'indirizz hemmhekk indikat ta' "St Pauls, Pioneer Road, Agius Flat 2, SPB 03, Malta".

Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana indika bhala approssimattivament mitejn (200) nuccali tax-xemx, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici *stante* li oggetti falsifikati. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u *oltre* d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafu numru 5 ta' dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli tnejn (2) subartiklu wiehed (1.) paragrafu "(a)", sittax (16) u sbatax (17) tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003*, tal-artikolu disgha (9) subartikolu wiehed (1.) paragrafi "(a)" u "(b)" tal-*Council Regulation (EC) No. 207/2009 on the Community trade mark*, tal-artikli ghaxra (10), erbatax (14) sa dsatax (19) tal-Att dwar it-*Trademarks* [Kapitolu erba' mija u sittax (416) tal-Edizzjoni**

**Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta], u tar-regolament numru disgha (9) tal-avviz legali mitejn u tlieta u tletin (233) tal-elfejn u tlieta (2003).**

Illi l-Kontrollur tad-Dwana ppreﬁggja terminu sal-4 ta’ Awwissu 2010 (inkluz) sabiex is-socjeta’ attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz.

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’nuccalijiet tax-xemx li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* “*Ray-Ban*” u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*UPS courier consignment* li ghandu *shipment number* 7140 XVH8 MXX u *tracking number* 1Z 714 0XV 04 4632 5733 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici *stante* li falsifikati.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti ’l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta’ attrici, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenut u ghas-spejjez tieghu.

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenut mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni.

4. Tordna li l-konvenut ghandu jbati l-ispejjez ’l ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat l-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok "A" sa Dok. "F" kif jidhru a fol. 6 sa fol. 32 tal-process.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti biex jinstema' fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2010, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat li ghalkemm l-intimata giet notifikata bir-rikors u d-dokumenti, u kif ukoll bl-avviz tas-smigh kif jidher *a tergo* ta' fol 51 tal-procss, baqghet ma pprezentat l-ebda risposta u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti fit-13 ta' Jannar 2011 fejn deher Dr. Luigi A. Sansone ghall-attur u ddikjara li ma ghandux aktar provi. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza deher Dr. Luigi Sansone li ddikjara li jonqos biss li jipprezenta x-xhieda ta' George Agius li ser jipprezentaha fi zmien gimgha minn dan il-verbal. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-2 ta' Frar 2011; u l-verbal tat-2 ta' Frar 2011 fejn giet differita ghad-9 ta' Frar 2011

Rat in-nota ta' Dr. Luigi A. Sansone datata 19 ta' Jannar 2011 a fol 60 tal-process datata 19 ta' Jannar a fol 60 tal-process li permezz taghha pprezenta l-affidavit ta' George Agius (Dok "LS 08").

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi jirrizulta illi s-socjeta' attrici ghandha rregistrati f'isimha bhala *Trademarks* Komunitarji (CTM) "*Ray-Ban*" (figurattiva, numru 004934618) *inter alia* dwar nuccalijiet tax-xemx, kif ukoll "RAY-BAN" (kelma, numru 001956465) *inter alia* dwar materjal stampat u dan anke mid-dokumenti u certifikati esebiti nkluzi dawk mar-rikors guramentat.

Illi waqt skrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-**artikolu wiehed (1) subartikolu wiehed (1.) tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003* u fl-artikolu erbgha (4) tal-istess Kap 414** hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx tal-*UPS courier consignment* li ghandu *shipment number* 7140 XVH8 MXX u *tracking number* 1Z 714 0XV 04 4632 5733 kontenenti oggetti konsistenti f'nuccalijiet tax-xemx li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* "*Ray-Ban*" u li kollha waslu fil-*Customs courier office* gewwa Hal Luqa destinati ghas-suq lokali. L-istess Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali.

Illi s-socjeta' attrici giet mgharrfa bis-sejba fis-7 ta' Lulju 2010 u, wara li ezaminat ritratti elettronici u kampjuni tal-oggetti in kwistjoni, ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati. Min-naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta' attrici kopja ta' *air waybill* relattiv ghal dan il-kaz li jindika bhala *consignee* lil "ASSA NDIAYE".

Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana indika bhala approssimattivament 200 nuccali tax-xemx, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici *stante* li oggetti falsifikati.

Illi ghalhekk il-pretensjonijiet attrici jirrizultaw ippruvati, u fil-verita` lanqas huma kontestati, b'dan li salv li din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra kif hawn deciz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut/intimat u filwaqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'nuccalijiet tax-xemx li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* "*Ray-Ban*" u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*UPS courier consignment* li ghandu *shipment number* 7140 XVH8 MXX u *tracking number* 1Z 714 0XV 04 4632 5733 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici *stante* li falsifikati.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddisponi minn tali oggetti f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenut u a spejjez tieghu.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* dak provdut fit-tieni talba tal-azzjoni attrici.

4. Tordna li l-konvenut ghandu jbati l-ispejjez 'l ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------